MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## MARIO SCERRI

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2009

Talba Numru. 33/2008

Michael Zammit

vs

Judas Taddeo sive Teddy Ellis

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba pprezentat fit-18 ta’ Settembru 2008, li jghid hekk :-

‘Peress illi l-konvenut huwa debitur fil-konfront tal-konvenut (*rectae attur*) fis-somma ta’ elf hames mija u wiehed u hamsin Euro u sitta u tletin centesimi (€1551.36), rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ antikitajiet mibjugha u kkonsenjati lilu, u minkejja li gie nterpellat diversi drabi biex ihallas dan id-debitu huwa baqa’ inadempjenti.

Jghid ghalhekk il-konvenut il-ghaliex dan it-Tribunal m'ghandux :-

Jikkudannah ihallas lill-attur is-somma ta' elf hames mija u wiehed u hamsin Euro u sitta u tletin centesimi (€1551.36) kif fuq dovuti.

Bl-imghax mid-data tal-konsenja cioe' mill-21 ta' Marzu 2007, sad-data tal-hlas effettiv.

Bl-ispejjez kollha nkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 512/2008 tal-25 ta' Awwissu 2008, u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.'

Il-konvenut permezz tar-risposta tieghu pprezentata fit-12 ta' Novembru 2007, eccepixxa :-

'Illi t-talbiet attrici huma insostenibbli u bla bazi ghax qed jiddikjaraw illi l-konvenut huwa debitur tal-konvenut ;

Ill t-talbiet attrici huma tempestivi peress illi
(a) Il-ftehm bejn il-konvenut kien ghal kwantita' akbar ta' ghamara li l-attur ghadu sallum ma kkonsenjax ;
(b) L-attur ghadu qatt ma pprezenta fattura dettaljata tal-ammont minnu pretiz ;

Salvi eccezzjonijiet ohra.'

Il-konvenut fir-risposta tieghu ghamel kontro-talba fil-konfront tal-attur ghall-ammont ta' €11900, li tghid hekk :-

'Illi l-esponenti kellu kuntratt biex jalloggja 35 student mas-socjeta' E F Language School ghal ghoxrin (20) gurnata. Minhabba l-inadempjenza tal-attur li ma kkonsenjax l-ghamara kollha l-esponenti setgha jzomm biss ghoxrin (20) student, u ghalhekk tilef il-qliegh ta' ghaxar (10) studenti.'

Ra r-risposta tal-attur ghall-kontro-talba tal-konvenut ipprezentata fil-21 ta' Novembru 2008, li tghid hekk :

‘Illi preliminarjament hemm l-inkompetenza *rationae valoris* ta’ dan it-Tribunal stante illi l-pretensjoni ta’ €11,900 hija ampjament barra l-kompetenza ta’ dan it-Tribunal ;

Illi l-attur qatt ma ftiehem mal-konvenut biex ibieghelu xi ghamara kif jinghad fil-kontro-talba, anzi’ irrifjuta li jaghmel negozju mieghu qabel ma hu jithallas ta’ l-ghamara li kien bieghelu ;

Illi fil-fatt l-ghamara mibjugha ma kenitx destinata ghall-*guesthouse* izda ghar-restaurant ;

Illi din il-kontro-talba ma hija xejn ghajr skuza redikola fis-sens moghtija mill-konvenut sabiex itawwal il-hlas. Fil-fatt il-konvenut xebgha jwieghed il-pagament u qatt ma jasal ;

Illi l-attur m’ghandu xejn x’jaghti lill-konvenut u jkun opportun illi l-konvenut ihallas dejnu minghajr telf ta’ zmien ;

Salvi ecczzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.’

Fl-udjenza tas-6 ta’ Mejju 2009, gewipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni tal-konvenut, u fl-udjenza tad-19 ta’ Mejju 2009, gew miftuha dawn il-kapitoli, u fl-assenza tal-konvenut nomine wara li gie debitament imsejjah diversi drabi skond il-ligi, u baqa’ ma deherx, il-kapitoli gew approvati u meqjusa li gew mistqarra mill-konvenut.

Ra l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti ;

Ra li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza ;

Ikkunsidra :

Illi din hija kawza fejn l-attur qed jitlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallsu s-somma ta’ elf hames mija u wiehed u hamsin Euro u sitta u tletin centesimi (€1,551.36) ta’ diversi oggetti antiki li gew mibjugha u kkonsenjati lill-kovenut fi zmien li l-konvenut kien qed irranga r-restaurant tieghu fis-Sannat, Ghawdex, fis-sena 2007.

Jigi osservat li l-fatt li gewipprezentati l-kapitoli li baqghu ma gewx ikkontestati mill-konvenut, dan it-Tribunal mhuwiex marbut li joqghod dejjem fuq il-prezunta konfessjoni billi jilqa’ t-talba attrici b’ghajnejh maghlqua, u ghandha tigi ezaminata bir-reqqa flimkien mal-provi l-ohra kollha. Intqal li ‘*huwa veru li l-kapitoli, meta s-subent ma jkunx wiegeb ghalihom u ma jkunx iggustifika l-komtumacja, ghandhom jitqiesu bhala konfessjoni. Imma dana ma jfissirx li l-qorti hija obbligata toqghod dejjem fuq dik il-prezunta konfessjoni. Is-subizzjoni hija semplici mezz ta' prova, u ghandha tigi ezaminata u valjata flimkien mal-provi l-ohra kollha tal-kawza, b'mod illi, jekk il-kapitoli ma jkunux konfacenti mal-provi l-ohra tal-kawza, u l-Qorti jidhrilha li ghandha taghti prevalenza lil dawk il-provi l-ohra, il-konfessjoni prezunta derivanti mis-subizzjoni ghandha ccedi quddiem dawk il-provi l-ohra.*’ [Prim’Awla, Tabib Dr. Antonio Zammit et vs Francesco Pace et, 28/06/1952 – Kollez. XXXIV.II.484]. Intqal ukoll li ‘*l-Qorti mhix obbligata toqghod dejjem u inalterabbilment fuq il-konfessjoni prezunta; ghax is-subizzjoni hija mezz ta' prova u ghandha tigi ezaminata u valjata bhal u flimkien mal-provi l-ohra kollha tal-kawza. Viceversa, il-Qorti ghandha tuza dejjem id-diskrezzjoni taghha u tara x'inhija l-prova l-aktar kredibbli; u dan sal-punt li tista' sahansitra ix-xindi l-prova li gejja mis-subizzjoni*.’ [Prim’Awla, Tabib Dr. Antonio Zammit et vs Francesco Pace et, 28/06/1952 – Kollez. XXXIV.II.484].

Ghalkemm il-konvenut ma jikkontestax li l-attur kien ikkonsenjalu xi oggetti, spjega li ma kienx f’pozizzjoni li jivverifika jekk humiex l-oggetti li jidhru fil-kont esibit mill-attur billi skond hu, ghandu oggetti bhalhom li xtrahom minghand haddiehor u ma kienx cert jekk dawn kienux gew ikkonsenjati mill-attur jew minn haddiehor. Dan it-Tribunal mhuwiex daqstant konvint minn din il-verzjoni tal-konvenut kemm il-ghaliex l-oggetti li jinsabu elenkati fil-kont esibit mill-attur huma u jistghu facilment jigu identifikati, u l-konvenut kellu bizzejjed zmien kemm qabel ma saret il-kawza kif ukoll fil-mori tal-kawza li jaghmel id-debiti verifiki tieghu u jkun jaf jekk l-ogetti li l-attur qed jitlob il-hlas taghhom kienx xtrahom minghand l-attur jew

minghand haddiehor, u fil-kaz tal-ahhar jesebixxi kopja tar-ricevuta li turi li l-oggetti gew mixtrija minghand haddiehor jew tella' bhala xhud lil dak il-bejjiegh l-iehor li minghandu nxtraw l-oggetti. Il-konvenut inghata kemm il-opportunita' minn dan it-Tribunal kif jidher mill-verbali tal-udjenzi li nzammu quddiem dan it-Tribunal kemm biex jaghmel id-debiti verifiki tieghu kif ukoll biex iressaq il-provi kemm in kontestazzjoni tat-talba attrici kif ukoll in sostenn tal-kontro-talba mressqa minnu, u l-konvenut naqas li jaghmel dan. Jekk hu minnu illi dan it-Tribunal u kull Tribunal jew Qorti ohra ghandhom id-dover li jassiguraw li l-ligijiet ta' procedura jservu biex jaghtu l-opportunita` lil persuna mharrka biex tiddefendi ruhha, daqsant iehor pero` dawn l-istess ligijiet ta' procedura jipprovdu illi "jekk il-konvenut jew l-avukat tieghu, jew, fil-kawzi quddiem il-qrati nferjuri, il-konvenut jew l-avukat jew prokuratur legali tieghu, jonqos li jidher, il-kawza tista' tigi maqtugha skond il-ligi fuq l-atti li jkun hemm wara s-smiegh ta' dik ix-xhieda li l-qorti tista' tqis li tkun mehtiega, ghad li huwa ma jkunx deher" (Artikolu 201, Kapitolu 12) [Appell, Sede Inferjuri, **Ceilings Systems Ltd. vs D & S Lifts Ltd.**, 16/03/2005]. Inghad li '*l-Qorti* (u bl-istess mod dan it-Tribunal) *ghandha d-dover tassigura li l-ligijiet tal-procedura jservu biex jaghtu u jassiguraw l-opportunita` shiha lill-persuna citata biex tiddefendi ruhha u mhux iservu bhala skuzanti biex il-process ma jsirx jew isir sommarjament billi tinstema' l-parti wahda u mhux l-ohra. Mill-banda l-ohra pero' ghandu jkun car ghal kullhadd li l-osservanza tar-regoli tal-procedura hi mehtiega biex jigi assigurat mhux biss l-ordni fil-kondotta tal-kawza imma wkoll ir-regolarita` tal-proceduri b'mod li jigi evitat li ssir ingustizzja mal-kontro-parti kif ukoll ma' haddiehor li jigi pregudikat b'konsegwenza tal-mod ingustifikat kif ikun qed jigi intralcjat ix-xoghol tal-Qrati. Ingustizzja li tista' ssir ukoll bin-nuqqas ta' nteress manifest ta' xi parti fil-kawza jew bir-rifjut taghha li tosserva d-digrieti tal-Qorti. Ghall-finijiet procedurali hemm diversita` kbira bejn il-kaz fejn ma jinstemghux il-provi tal-konvenut minhabba cahda tad-debita opportunita' bhal meta jigi ingustament rifjutat is-smiegh ta' provi legittimi offerti minnu, jew meta l-proceduri inizjati kontra tieghu jigu prosegwiti minghajr ma jkun gie notifikat bihom, u ad insaputa tieghu, u bejn il-*

*kaz, fejn minhabba nuqqas tieghu stess, jibqa' ma jgibx 'il quddiem il-provi tieghu meta tkun giet moghtija lilu kull opportunita` li jgibhom. F'dan l-ahhar kaz imputet sibi'* [Appell, Sede Inferjuri**, Charles Borg pro et noe vs John Curmi et**, 20/01/2003].

Mill-assjem tal-provi ezaminati minn dan it-Tribunal jirrizulta a soddisfazzjon ta' dan it-Tribunal li t-talba tal-attur hija gustifikata u ghandha tigi milqugha.

Ghar-rigward il-kontro talba tal-konvenut l-ammont mitlub mill-konvenut ta' €11900 jezorbita mill-kompetenza ta' dan it-Tribunal, u fi kwalunkwe kaz il-konvenut lanqas ma ressaq ebda provi la dwar il-korrettezza o meno tal-ammont minnu pretis, la dwar l-allegat ftehim li kellu mal-attur, u lanqas dwar id-danni minnu pretizi u kif wasal ghac-cifra minnu ndikata.

Wara li ra l-artikoli 3(2), 9(2)(a)(3) tal-Kap.380.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, jilqa t-talba tal-attur u jikkundanna lill-kovenut ihallas lill-attur is-somma ta' elf hames mija u wiehed u hamsin Euro u sitta u tletin centesimi (€1551.36), bl-imghax kif mitlub, u bl-ispejjez kollha kontra l-istess konvenut, inkluzi tal-ittra ufficjali tal-25 ta' Awwissu 2008 [Ittra numru 512/08].

A rigward il-kontro-talba billi l-ammont mitlub jezorbita mill-kompetenza ta' dan it-Tribunal, dan it-Tribunal qed jastjeni milli jiehu konjizzjoni tat-talba u jhalli mpregudikat kull dritt lill-konvenut li ghandu jew jista' ghandu fil-konfront tal-attur. Spejjez tal-kontro-talba jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------